Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 135/2019: **JEAN PIERRE PACE** (K.I. NRU. 310569M) V. JOHN URPANI (K.I. NRU. 344170M) U B'DIGRIET TAL-11 TA' SETTEMBRU 2019 IL-QORTI NNOMINAT LIL DR. BENJAMIN VALENZIA BĦALA KURATUR DEPUTAT SABIEX JIRRAPREŻENTA LILL-ISTESS INTIMAT ASSENTI **JOHN URPANI**

(IR-REGOLA TAL-AĦJAR PROVA – KAP. 12, ART. 559 – TEMPERAMENT TA' DIN IR-REGOLA FIL-KAŻISTIKA – EFFETT TAL-KUNDIZZJONI RIŻOLUTTIVA F'KUNTRATTI – KAP. 16, ART. 1067 – ĦALL TA' KUNTRATT U ĦLAS TA' DANNI META OBBLIGAZZJONI MA' TKUNX ĠIET EŻEGWITA – KAP. 16, ART. 1069(1) – STATUS QUO ANTE U RIFUŻJONI TAL-PREZZ IMĦALLAS – KAP. 16, ART. 1066 – IN-NUQQAS TA' DEPOŻITU U Ż-ŻAMMA TAL-OĠĠETT MHUX DEJJEM JWASSLU GĦAT-TELF TAD-DRITT TAX-XERREJ LI JEŻERĊITA R-RIMEDJU TAR-REXISSJONI TAL-KUNTRATT)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**3 ta' Mejju 2021**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Jean Pierre Pace ("ir-rikorrent") ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2019,

wara li rat ir-risposta tal-Avukat Dr. Benjamin Valenzia li ġie nnominat mill-Qorti b'digriet tal-11 ta' Settembru 2019 bħala kuratur deputat sabiex jirrapreżenta lill-intimat assenti John Urpani ("l-intimat"), liema risposta daħlet fis-7 ta' Ottubru 2019[1],

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li qrat in-noti ta' sottomissjonijiet finali ppreżentati għan-nom

[1] Fol 28

- tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Joseph R. Pace,
- tal-intimat, mill-Avukat Dr. Benjamin Valenzia,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Atti promoturi

1. Fir-rikors promotur tiegħu r-rikorrent għażel illi jibda b'numru ta' talbiet, mhux enumerati, lill-Qorti imbagħad daħal fċertu dettal fuq il-fatti tal-każ skond kif allegatament seħħew u fl-aħħar għamel talba oħra lill-Qorti. It-talbiet huma li l-Qorti:

    1. Tiddikjara li l-intimat huwa unikament responsabbli li minħabba traskuraġni, negliġenza u aġir inaċċettabbli tiegħu, sfratta u kiser ftehim iffirmat bejn il-kontendenti li permezz tiegħu r-rikorrent *"kien ser jixtri u jakkwista vettura privata tat-tip BMW, mudell 5321 SE Saloon, numru ta' reġistrazzjoni IBN 216, bil-patt u l-kundizzjoni li bil-prezz ta' ħames elef euro (€5,000) li hu (ikkonsenjalu) cash, (l-intimat kellu jiżgura) li l-vettura tkun ħielsa minn kull dejn, multi jew liċenzji ta' assigurazzjoni pendenti"*

    2. Tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrent:
    - l-ammont ta' € 5,000 bħala rifużjoni tal-prezz flimkien mal-imgħax ċivili fuq tali somma mit-2 ta' Diċembru 2010 sal-ħlas effettiv
    - is-somma ta' € 1,198 rappreżentanti spejjeż li r-rikorrent laħaq wettaq fuq il-vettura inutilment
    - is-somma ta' € 100 għal kull sena li l-vettura kellha tinżamm fil-*garage* tar-rikorrenti mingħajr ma' setgħet tintuża kif suppost

    3. Tiddikjara l-ftehim fuq imsemmi bħala "*dekadut u bla effett*"

2. Fir-risposta tal-intimat intavolata mill-Kuratur Deputat li ġie nnominat mill-Qorti sabiex jirrappreżentah stante l-assenza tiegħu minn Malta, intqal is-segwenti:

    1. Li hu m'huwiex edott mill-fatti;

    2. Li għandu bżonn l-aħħar indirizz magħruf ta' John Urpani u dik l-informazzjoni kollha li tista' twassal lill-kuratur deputat jagħmel kuntatt mal-istess John Urpani;

3. Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mill-liġi.

**Provi**

3. Ir-rikorrent **<u>Jean Pierre Pace</u>** xehed fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2020[2] fl-24 ta' Jannar 2019 kif ġej:

   *"Jiena u John Urpani konna hbieb sewwa, childhood friends, ta' tfulitna trabbejna flimkien. Kien hemm zmien fejn darba kont selliftu xi haga zghira tal- flus, xi elfejn (2000) euro. Pero' kien dam hafna biex tahuli lura u pero' konna niltaqghu u darba minnhom ghidtlu isma' kif ha naghmlu fuqha din il- bicca xoghol. Qalli ghandi karozza rrid inbieghha u x' aktar malli nbieghha naqbad u natihomlok. U nsomma l- karozza ghogbitni. Ghidtlu isma' ghidtlu forsi nixtriha jiena. Ghidtlu biex naghlquha ghax ma nittopjakx jiena tlett elef (3000) ohra. Would you agree? Ghax kien qalli l- prezz tal- karozza x' kien qed jitlob allura it was balancing things out. U ghidtlu mportanti li ma jkunx hemm xi dejn fuq il- karozza. Ghidtlu clear fuq dawn l- affarijiet? U ghamilna ftehim illi iva l- karozza m' ghandha xejn dejn fuqha, kienu kliem tieghu"*

4. L-istess rikorrent ikkonferma li huwa ħallas lill-intimat is-somma ta' tlett elef euro *cash* u kkonferma ukoll bil-ġurament il-ftehim datat 2 ta' Diċembru 2010 li ġie esebit mar-rikors promotur bħala Dok B[3]. F'dan il-ftehim hemm imniżżel *inter alia* is-segwenti:

   "*I the undersigned John Urpani ... hereby confirm that I have sold today to Jean Pierre Pace ... the saloon car, BMW SE 5231, Reg. No. IBN 216, for the Price of five thousand euro (€ 5,000) ...*

   *... and I Jean Pierre Pace, hereby confirm that I have purchased from John Urpani the said saloon car at the said Price; and it is confirmed by both parties that this sale is to be deemed valid on condition that any liabilities pending on the car or to be billed by Transport Malta for any reason not imputable to the Buyer, shall be settled by the said Seller John Urpani – and the car will be finally transferred via Transport Malta when any such liabilities are cleared*".

[2] Fol 32
[3] Fol 4

5. Ir-rikorrenti spjega kif darba ħa l-pussess tal-vettura nduna li kien hemm xi dejn fuq il-vettura:
“*Kellu xi multi fuqha, fuq il-karozza u ovvjament jiena kien qalli li m’ghandu xejn allura rrabjajt ftit u ghidtlu biex imur jiklerjahom. He delayed me jigifieri ftit, darba , darbtejn, tlett darbiet. U la bdejt nara li ha jdum ftit, dejjem jghidli stenna stenna stenna, issa naghmilha, issa naghmilha, issa naghmilha. Imbghad jiena hadt decizjoni ghidt din anke jiena jekk immure naghmel it- transfer jien probabilment ha jsaqsuni biex inhallas id- dejn din taghha. Alla gghaltu jien, ghidtlu hu pacenzja, ghidtlu biex inkun naqra on a safer side ghidtlu hu l- pjanci hudhom it- Transport Authority jew l- Awtoritajiet halli hekk imbaghad la tirranga dak li huwa dovut lejn l- Awtoritajiet inkun nist’ niehu over il- karozza. Jiena sadanittant jiena kelli karozza ohra jiġifieri*”.

6. Kompla jgħid l-istess rikorrenti illi huwa kellu jitfa’ l-vettura fil-*garage* tiegħu mindu skopra bid-dejn li kellha fuqha. Spjega kif fuq talba tiegħu stess, l-intimat kien qala l-pjanċi sabiex suppost jeħodhom għand Transport Malta. Sussegwentement dan baqa’ ma’ tah l-ebda riċevuta għaliex qallu li ma’ setax isibha. Madanakollu meta’ imbagħad ir-rikorrent għamel il-verifiki tiegħu ma’ Transport Malta rriżulta illi dawn il-pjanċi qatt ma’ kienu ġew ippreżentati lilhom. Inoltre ġie infurmat illi peress li għalihom il-vettura kienet qisha barra fit-triq (minkejja li ma’ kienetx qed tintuża minn ħadd), l-ispejjeż tal-liċenzja u multi relatati baqgħu jakkumulaw kull sena. Ir-rikorrenti kkonferma illi l-*logbook* tal-vettura baqa’ jgħajjat lill-intimat għaliex it-trasferiment tagħha baqa’ qatt ma’ seħħ minħabba l-multi li akkumulaw fuq il-vettura u li baqgħu ma’ tħallsux mill-intimat. Kopja ta’ dan il-*logbook* iffirmat mill-intimat ġiet ippreżentata mar-rikors promotur u mmarkata bħala Dok A[4]. Finalment ir-rikorrent kellu jinterpella lill-intimat diversi drabi inkluż permezz ta’ ittra uffiċjali bin-numru 45/15 li ġiet ippreżentata fit-12 ta’ Jannar 2015[5]

7. Ir-rikorrent ippreżenta ukoll mar-rikors tiegħu:

    1. Kopja ta’ riċevuta u *tax invoice* maħruġa fit-2 ta’ Frar 2013 minn J. Vassallo Ltd għal xiri ta’ batterija għall-prezz ta’ €98 (Dok Ċ),
    2. Kopja ta’ żewġ ittri legali mibgħuta lill-intimat (Dok D),
    3. Kopja ta’ lista ta’ arretrati tal-liċenzja flimkien ma’ numri oħra mniżżla bl-idejn fuq l-istess dokument (Dok E),

---

[4] Fol 3
[5] Dok G, fol 13

4. Kopja ta' lista ta' multi pendenti għal kontravenzjonijiet maħruġa fir-rigward tal-vettura in kwistjoni (Dok E1),
5. Kopja ta' *affidavit* tar-rikorrent maħluf quddiem Nutar Pubbliku

8. Ir-rikorrent ma' ressaq l-ebda provi oħra u l-intimat baqa' ma' ġiex rintraċċjat mill-kuratur deputat li rrappreżentah matul il-kors tal-kawża.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

9. Minkejja li redatt b'mod xejn feliċi r-rikors promotur fih talba sabiex il-Qorti tiddikjara xolt il-ftehim *de quo*, talba oħra sabiex tiddikjara illi l-intimat kiser il-ftehim għal raġunijiet imputabbli lilu u finalment talba oħra sabiex l-intimat jiġi kkundannat mhux biss jirrifondi lura l-prezz tal-vettura lir-rikorrent iżda ukoll sabiex iħallsu somma oħra bħal spejjeż u kumpens għall-użu tal-*garage*.

10. L-intimat min-naħa tiegħu *inter alia* jikkontendi fis-sottomissjonijiet finali tiegħu illi r-rikorrenti ma' ressaqx provi dwar id-danni reklamati minnu u inoltre huwa ma' setax iżomm il-vettura fil-*garage* tiegħu iżda kellu jiddepożitaha taħt l-awtorità tal-Qorti.

11. Mill-provi prodotti jirriżulta illi bil-ftehim tat-2 ta' Diċembru 2010 il-partijiet kienu ftehmu kemm fuq il-prezz u kif ukoll fuq l-oġġett għalhekk il-kuntratt tal-bejgħ ġie ssiġġilat bil-firem tagħhom dakinhar stess[6]. Dan il-ftehim però sar bil-kundizzjoni riżoluttiva espressa illi:

   1. L-intimat, bħala l-bejjiegħ, jħallas id-djun kollha, riferibilment għal dawk imposti minn Transport Malta, li kienu jew setgħu jibdew jgħabbu lill-vettura għal raġunijiet mhux imputabbli lix-xerrej,
   2. Konsegwentement, malli jsir dan, jsir it-trasferiment appożita tal-vettura ma' Transport Malta.

12. Ai termini tal-Art. 1067 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

[6] Art. 1347 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta: '1347. Il-bejgħ hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz; u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej.

*'1067. Jekk il-kondizzjoni riżoluttiva hija espressa fil-kuntratt, dan il-kuntratt, meta l-kondizzjoni sseħħ, jinħall ipso jure, u l-qorti ma tista' tagħti ebda żmien lill-konvenut.'*

13. Mill-provi li tressqu mir-rikorrent, li ma' ġewx kontradetti mill-intimat, jidher illi meta r-rikorrent ħa l-pussess tal-vettura irriżultalu li dan tal-aħħar ma' kienx ħallas għat-tiġdid tal-liċenzja taċ-ċirkulazzjoni tal-vettura meta din kienet skadiet fl-1 ta' Ottubru 2010. Inoltre kien hemm ammont ta' €314.36 dovuti f'multi wara sensiela ta' kontravenzjonijiet tat-traffiku li seħħew bejn Ottubru 2009 u Marzu 2010. Sussegwentement il-liċenzja baqgħet ma' ġietx imġedda sena wara sena tant illi sal-ftuħ tal-kawża odjerna l-arretrati laħqu telgħu għal €6,754 apparti penalitajiet relatati u xi ammonti dovuti rigward il-*Controlled Vehicular Access.*

*Provi miġjuba – kienu dawn l-aħjar provi li setgħu jinġiebu?*

14. Għalkemm l-intimat m'għamel l-ebda sottomissjonijiet f'dan ir-rigward, il-Qorti tara li r-rikorrent seta' kien iżjed diliġenti u galbuż bil-provi li ressaq in vista tal-obbligazzjoni li timponi fuqu l-liġi li jressaq l-aħjar provi li jista' jġib[7]. Darba t-talbiet kollha tiegħu huma dipendenti fuq l-avveriment tal-kondizzjoni riżoluttiva, kien ikun għaqli r-rikorrent li minflok jressaq biss dokumenti **<u>mhux uffiċjali</u>** (u fil-każ tal-arretrati tal-liċenzja mingħajr indikazzjoni speċifika li dawn kienu qed jirreferu għall-vettura in kwistjoni) in sostenn ta' dan, jressaq dokumenti oriġinali u/jew xhieda pertinenti fosthom rappreżentanti ta' Transport Malta sabiex jikkonfermaw l-fatti allegati.

15. Ir-regola li fi proċeduri ta' natura ċivili, parti għanda ġġib l-aħjar provi li tista' ġġib, hija regola li ntirtet mill-liġi komuni Ingliża fejn sabet il-bidu tagħha lejn nofs is-seklu tmintax. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Omychund v. Barker</u>**[8] Lord Harwicke stqarr illi "*the judges and sages of the law have laid it down that there is but one general rule of evidence, the best that the nature of the case will permit*". B'hekk per eżempju provi meqjusa *sekondarji* bħal kopji ta' skrittura ma' kienux jitqiesu ammissibbli ġaladarba l-parti kellha l-obbligu li tipproduċi d-dokument oriġinali. Ir-razzjonal wara din ir-regola jista' tinftiehem l-iżjed fil-kuntest taż-żmien meta daħlet fis-seħħ. Fis-seklu tmintax fl-Ingilterra kopja ta' dokument kienet ħafna drabi tinkiteb bl-idejn minn skrivan jew anke mill-litiganti nfushom u għalhekk kien faċli li jsiru żbalji jew saħansitra jiġi perpetrat qerq f'tali kopji. Fiż-żminijiet tal-lum però u bil-

---

[7] Art. 559 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[8] Omychund v Barker (1745) 1 Atk, 21, 49; 26 ER 15, 33

progress kbir li sar fl-industrija diġitali, dan ir-razzjonal ftit li xejn għadu jagħmel sens. Fl-Ingilterra u Wales filfatt din ir-regola ġiet ristretta għal każijiet fejn litigant jagħżel b'kapriċċ illi jesebixxi kopji ta' dokumenti pertitenti għall-każ tiegħu minflok ma' jesebixxi l-oriġinali. It-tendenza hija ukoll illi anke fil-każijiet fejn parti tressaq prova sekondarja mingħajr ġustifikazzjoni, il-Qorti tqis tali prova b'mod sfavorevoli fir-rigward tal-piż probatorju tagħha u mhux tiddikjara inammissibbli.

16. Fis-sentenza mogħtija fl-1969 mill-Qorti tal-Appell Ingliża fl-ismijiet **Garton v. Hunter**[9]**,** Lord Denning qal: "*nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to weight and not to admissibility".* Ftit iżjed minn tletin sena wara fl-istess Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet **Masquerade Music Ltd & Ors v Springsteen**[10]**,** Lord Jonathan Parker iddikjara li:

"*In my judgment, the time has now come when it can be said with confidence that the best evidence rule, long on its deathbed, has finally expired. In every case where a party seeks to adduce secondary evidence of the contents of a document, it is a matter for the court to decide, in the light of all the circumstances of the case, what (if any) weight to attach to that evidence. Where the party seeking to adduce the secondary evidence could readily produce the document, it may be expected that (absent some special circumstances) the court will decline to admit the secondary evidence on the ground that it is worthless. At the other extreme, where the party seeking to adduce the secondary evidence genuinely cannot produce the document, it may be expected that (absent some special circumstances) the court will admit the secondary evidence and attach such weight to it as it considers appropriate in all the circumstances. In cases falling between those two extremes, it is for the court to make a judgment as to whether in all the circumstances any weight should be attached to the secondary evidence. Thus, the "admissibility" of secondary evidence of the contents of documents is, in my judgment, entirely dependent upon whether or not any weight is to be attached to that evidence. And whether or not any weight is to be attached to such secondary evidence is a matter for the court to decide, taking into account all the circumstances of the particular case*".

17. Fil-każ tal-liġi Maltija, l-artikolu tal-liġi li jipprovdi għal din ir-regola huwa suċċint:

---

[9] Garton v. Hunter [1969] 1 All ER 451, [1969] 2 QB 37
[10] Masquerade Music Ltd & Ors v Springsteen [2001] EWCA Civ 513 (10 April 2001)

‘*559. Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista’ ġġib.*’

18. Anke mad-daqqa t’għajn għalhekk huwa ċar illi l-obbligu li għandu parti f’kawża mhuwiex illi jġib l-aqwa prova iżda li jġib l-aqwa prova **li jista’ jġib.** Fejn huwa impossibbli jew diffiċli għal dik il-parti li ġġib l-aqwa prova, il-Qorti tiżbalja jekk tqis inammissibbli l-provi sekondarji li jistgħu jinġiebu – li wara kollox ikunu l-aqwa prova li dik il-parti setgħet b’mod raġjonevoli tressaq.

19. Fil-ġurisprudenza lokali għalkemm il-Qrati qatt ma’ ddejjqu japplikaw din ir-regola b’mod rigoruż, jidher li daħlet tendenza illi r-regola tiġi rilassata meta l-provi miġjuba ma’ jkunux ġew kontestati mill-parti l-oħra, anke meta dokumenti li jinġiebu biex isaħħu tali provi ma’ jkunux ġew ġuramentati.

20. Fis-sentenza fl-ismijiet **Martina Farrugia et. v. Carmel Farrugia** (Rik. 27/14/1, 26/05/2017), il-kawża kienet titratta prinċipalment talba għall-manteniment mir-rikorrenti fil-konfront ta’ missierhom minkejja li kienu laħqu l-eta ta’ tmintax-il sena u dan peress li kienu għadhom qed jistudjaw fuq bażi *full-time*. L-ulied xehdu permezz ta’ *affidavit* illi huma kienu jattendu l-Universita’ fuq bażi *full-time* u li kienu qegħdin jistudjaw għal lawriji fil-B.A. (Tourism Studies), fil-każ tat-tifla, u fil-B.Sc (Earth Systems) fil-kawż tat-tifel. Esebew ukoll *emails* mibgħuta mir-Reġistratur tal-Università ta’ Malta li jattestaw għall-fatt li huma kienu għadhom qed jistudjaw l-Università. L-intimat ma xehedx u lanqas ressaq provi. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti u ffissat somma bħala manteniment li kellu jħallas l-intimat lill-uliedu. L-intimat appella mid-deċiżjoni *inter alia* bl-aggravju “*illi l-Ewwel Qorti injorat kompletament in-norma legali li għandha tinġieb l-aħjar prova, in kwantu kellu jirriżultalha li l-atturi naqsu milli jressqu l-aħjar prova illi huma kienu verament qeghdin jattendu kors universitarju full time.*” Skond l-intimat, *“l-atturi setgħu ressqu rappreżentant tal-Università ta’ Malta sabiex jikkonferma li l-aħwa Farrugia kienu għadhom isegwu kors universitarju qabel ma għalqu t-tlieta u għoxrin sena... Kienu l-atturi li kellhom l-oneru tal-prova tal-fatt sostnut minnhom, u huma ma tellgħu ebda prova oħra sabiex jikkoroboraw id-dokumenti preżentati minnhom.”* Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ċaħdet dan l-aggravju u qalet hekk:

*“Il-Qorti tirrileva illi ghalkemm ebda wiehed mid-dokumenti ma huwa guramentat, jibqa’ l-fatt li hemm ix-xhieda mhux kontradetta tal-atturi ahwa Farrugia illi fiha bil-*

*gurament taghhom jikkonfermaw illi huma baqghu studenti full time wara li ghalqu t-18-il sena u indikaw adirittura l-ammont li jippercepixxu fi stipendju ta' kull xahar. Id-dokumenti minnhom ipprezentati jikkonfortaw din ix-xhieda, u ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kellha provi sufficjenti sabiex fuq bazi ta' probabbilita` u verosimiljanza tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha u din il-Qorti ma tikkonsidrax li jezistu c-cirkostanzi stabbiliti fil-gurisprudenza sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill- ewwel Qorti fir-rigward...Il-konkluzjoni premessa ssib ukoll konfort fil-fatt li mill-atti jirrizulta li, minkejja diversi differimenti moghtija lill-konvenut mill-ewwel Qorti sabiex dan iressaq il-provi tieghu jew jikkontroezamina x-xhieda tal-atturi dan baqa' passiv u ma ressaq ebda prova diretta biex tikkontrasta l-provi tal-atturi, u dan minkejja li fl-udjenza tas-16 ta' April 2015 l-kawza kienet giet differita 'ghall-ahhar darba ghall-provi tal-konvenut u jekk jibqa' ma isir xejn il-Qorti ser tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li ghandha.' Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud"*

21. L-istess Qorti f'sentenza mogħtija xahar u nofs ilu fl-ismijiet: **<u>Simone Eve Collette Sammut et. v. Adam Sammut et.</u>** (Rik. 1047/2014/1, 17/03/2021) l-appellanti ressqu l-aggravju illi bosta dokumenti li kienu ġew ppreżentati mir-rikorrenti quddiem l-Ewwel Qorti ma' kienux ġew debitament ikkonfermati bil-ġurament u għalhekk ma kellhomx jingħataw wisq importanza, kif ukoll li t-testment ippreżentat mar-rikors promotur ma setax jitqies bħala l-aħjar prova għaliex ma' tressqux provi li jaċċertaw li dan kien l-aħħar testment ta' omm il-kontendenti fil-kawża. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) stqarret is-segwenti:

*"l-principju ewlieni li jirregola l-piz probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, jigifieri onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa obbligu ta' min iressaq kawza quddiem il-Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti ghall-kaz tieghu. Inoltre l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li ghandha tingieb quddiem il-Qorti l-ahjar prova, obbligu tal-partijiet fil-kawza. Huwa minnu, li fl-istess dispozizzjoni jinghad li, il-Qorti ghandha dritt tesigi li titressaq l-ahjar prova, izda l-fatt li l-ewwel Qorti accettat il-produzzjoni ta' numru ta' dokumenti li m'humiex guramentati, ma jfissirx li l-ewwel Qorti kellha xi obbligu li tikkonduci l-provi tal-partijiet hija stess (ara sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' April, 2009, fil-kawza fl-ismijiet Nicola Ciantar & Sons Limited v. General Provisions Company Limited.) Madankollu jigi osservat ukoll li l-konvenut appellant qatt ma kkontesta l-validita` tad-dokumenti jew l-awtenticita` tal-istess dokumenti mressqa mill-atturi appellati, hlief fl-istadju tal-appell.... Kwindi ghalkemm din il-Qorti tqis li huwa minnu*

*li kien ikun aħjar li l-atturi appellati jikkonfermaw bil-gurament id-dokumenti kollha esebiti minnhom, u li jressqu riċerki testamentarji li jixhdu li t-testment in atti kien l-aħħar wieħed ta' ommhom, din il-Qorti ma tistax twarrab l-istess dokumenti mressqa minnhom, minkejja n-nuqqas li dawn jiġu debitament guramentati, u li jitressqu r-riċerki testamentarji, daqslikieku ma tressqu provi ta' xejn."*

22. Kif diġà ngħad, f'din il-kawża r-rikorrent esebixxa mar-rikors tiegħu lista tal-arretrati tal-liċenzja (mingħajr indikazzjoni speċifika li dawn kienu qed jirreferu għall-vettura in kwistjoni u mingħajr indikazzjoni ta' min kien is-sors ta' din l-informazzjoni) u lista ta' kontravenzjonijiet maħruġa fuq il-vettura, liema lista jidher li nħarġet mis-sistema "VERA" tal- *Local Enforcement System Agency* (LESA). Fix-xhieda tiegħu r-rikorrent kkonferma bil-ġurament tiegħu dak li hemm "*miktub fil-kawża*" u taħt ġurament ukoll semma illi l-vettura kellha numru ta' multi fuqha inkluż arretrati tal-liċenzja. Il-Qorti ma' tistax ħlief terġa tiġbed l-attenzjoni illi l-konduċiment tal-provi tar-rikorrenti seta' sar b'mod ferm iktar rigoruż u attent, jekk xejn biex jagħmel tajjeb għan-natura sekondarja tal-provi mressqa minnu. L-iktar ħaġa faċli li setgħet issir kienet illi r-rikorrenti jintalab jikkonferma bil-ġurament b'mod speċifiku d-dokumenti esebiti mar-rikors tiegħu, wieħed wieħed. Seta' ukoll ir-rikorrent iressaq lill-awtoritajiet konċernati sabiex jattestaw għall-listi tal-multi u tal-arretrati tal-liċenzja.

23. Ċio nonostante, il-Qorti tħoss illi minkejja dawn il-mankanzi kollha, id-dokumenti ppreżentati u x-xhieda tar-rikorrent, li ma' ġew kkontestati fl-ebda stadju mill-intimat, xorta waħda jnisslu f'din il-Qorti, fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, il-konvinċiment illi l-vettura kienet tabilħaqq mgħobbija bil-multi u bl-arretrati tal-liċenzja taċ-ċirkulazzjoni indikati.

*L-avveriment tal-kundizzjoni riżoluttiva espressa u l-effetti ta' dan l-avveriment*

24. Tajjeb jingħad illi fil-ftehim ta' bejniethom il-kontendenti ma' speċifikawx terminu sa meta l-intimat kellu jħallas d-djun kollha relatati mal-vettura. Per konsegwenza japplika l-artikolu 1077 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra testwalment kif ġej:-

'*1077. Meta ma jkun ġie stabbilit ebda żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, din għandha tiġi esegwita minnufih, iżda dan kemm-il darba x-xorta tal-obbligazzjoni, jew il-mod li bih għandha tiġi esegwita, jew il-lok miftiehem għall-esekuzzjoni tagħha, ma jġibux magħhom il-ħtieġa ta' żmien li, jekk ikun hemm bżonn, jiġi stabbilit mill-qorti.*'

25. Skond Artikolu 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.23 (Regolamenti dwar Trasferiment ta' *Motor Car)*:

*' 3. Meta qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali twaħħal multa jew ammenda, jew meta Kummissarju għall-Ġustizzja jkun għamel ordni għall-ħlas ta' penali bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, li jkollha x'taqsam ma' xi reat taħt l-Ordinanza li jsir bl-użu ta' xi motor-car jew vettura, u dik il-multa, ammenda jew piena, skond il-każ, ma tkunx tħallset, l-Awtorità ma għandhiex tikkonċedi u tirreġistra t-trasferiment tal-liċenzja ta' dik il-motor-car jew vettura minn fuq is-sid għal xi persuna oħra, sakemm isir il-ħlas ta' dik il-multa jew ammenda jew penali.'*

26. Inoltre skond l-Artikolu 5(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.31 (Regolamenti Dwar Aċċess Kontrollat Ta' Vetturi F'ċerti Żoni):

*'5(3) Meta s-sid ta' vettura jonqos milli jħallas id-drittijiet ta'ħlas għal aċċess applikabbli fi żmien tletin ġurnata mid-data li tkun tidher fuq il-kont li permezz tiegħu jkun qed jintalab dak il-ħlas, l-Awtorità għandha, meta jkun wasal iż-żmien biex tiġġedded il-liċenzja ta' dik il-vettura, tieqaf milli ġġedded il-liċenzja ta' dik il-vettura meta din tiskadi sa dak iż-żmien meta jsir il-ħlas ta' dawk id-drittijiet ta' ħlas għal aċċess ...'*

27. Dan ifisser allura illi l-intimat ma seta' qatt jirreġistra t-trasferiment tal-vettura li kienu għadu kemm biegħ lir-rikorrent – minkejja li bin-nuqqas li jagħmel dan fi żmien sebat ijiem sar ukoll passibbli għal proċeduri kriminali kontra tiegħu[11] - u dan kollu proprju minħabba l-aġir negliġenti tiegħu illi jħallas il-multi u l-arretrati kollha relattivi minkejja li kien obbliga ruħu li jagħmel dan permezz tal-ftehim tat-2 ta' Diċembru 2010.

28. Għalhekk jirriżulta lill-Qorti illi l-kundizzjoni riżoluttiva miftehma bejn il-partijiet, għal liema kundizzjoni l-partijiet ftehmu li jissoġġettaw l-validità tal-istess ftehim, avverat ruħha bin-nuqqas tal-intimat li jeżegwixxi l-obbligazzjonijiet li daħal għalihom.

---

[11] Art. 27(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 (Regolamenti Dwar Ir-Reġistrazzjoni u L-Liċenzjar Ta' Vetturi Bil-Mutur)

29. Ai termini tal-Artikolu 1069 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

*'1069. (1) Meta l-kondizzjoni riżoluttiva, sew dik magħmula espressament kemm dik li titqies bħala magħmula, tkun għall-każ li fih waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet esegwita, tista' tagħżel, jekk il-kondizzjoni sseħħ, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt, jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibli.*

*(2) Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-konvenut jista' jiġi kkundannat għall-ħlas tad-danni.'*

30. Isegwi għalhekk illi r-rikorrenti kellu u għandu kull dritt li jitlob ix-xoljiment tal-kuntratt u l-Qorti m'għandha l-ebda raġuni 'l għala għandha tiċħad it-talba tiegħu.

31. L-effett tal-avveriment tal-kundizzjoni riżoluttiva hija ukoll illi tpoġġi lill-partijiet fl-istess stat li kienu qabel ma' daħlu għall-ftehim (*status quo ante*) u dan ifisser illi ukoll illi l-prezz imħallas jrid jiġi rifuż lura filwaqt li l-oġġett mibjugħ, ossia' l-vettura, trid tirritorna lura lill-bejjiegħ. F'dan ir-rigward l-Art. 1066 tal-Kap. 16 jiddisponi kif ġej:

*'1066. (1) Il-kondizzjoni riżoluttiva hija dik illi, meta sseħħ, tħoll l-obbligazzjoni, u terga' tqiegħed il-ħwejjeġ fl-istess stat bħal kieku l-obbligazzjoni ma kienet ġiet qatt magħmula.*

*(2) Din il-kondizzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, iżda, jekk il-ġrajja maħsuba fil-kondizzjoni tiġri, il-kreditur ikun obbligat irodd dak li jkun irċieva.'*

*Iż-żamma tal-vettura mir-rikorrent*

32. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu l-intimat jisħaq illi: *"l-attur, legalment, lanqas ma' seta' jżomm il-vettura in kwistjoni fil-garaxx tiegħu iżda kellu jqabbad kunsinnatarju indipendenti u jadixxi l-istess taħt l-awtorità tal-Reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali..."*

33. Huwa minnu illi skond ġurisprudenza stabbilita u kopjuża, fl-azzjoni redibitorja (ċioe fejn ix-xerrej jitlob ix-xoljiment tal-kuntratt ta' bejgħ minħabba difett moħbi fl-oġġett li kien preżenti fil-mument tal-bejgħ), fl-azzjoni għar-rexissjoni tal-bejgħ meta l-oġġett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skont il-kwalità mwegħda u fl-azzjonijiet rexissorji oħra x-xerrej huwa tenut li jimmanifesta r-rifjut tiegħu tal-oġġett jew id-disapprovazzjoni tiegħu għal dak li allegatament il-bejjiegħ ikun naqas li jonora billi

minnufih u ċertament mhux aktar tard minn qabel ma' jiftaħ il-kawża, jiddepożitah fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili taħt l-awtorita' tal-Qorti.

34. L-azzjoni odjerna m'hijiex waħda illi taqa' taħt l-Art. 1390 jew l-Art. 1427 tal-Kodiċi Ċivili iżda hija azzjoni proposta taħt l-Art. 1069(1). Madanakollu l-effett ta' din l-azzjoni, l-istess bħall-azzjonijiet rexissorji l-oħra, huwa ukoll illi l-partijiet jirrivertu lura għall-istat legali li kienu fih anteċedenti għall-ftehim.

35. F'dan ir-rigward żviluppat ukoll linja ta' ħsieb fil-ġurisprudenza nostrana fis-sens illi n-nuqqas ta' depożitu u ż-żamma tal-oġġett mhux dejjem jwasslu inkondizzjonatament għat-telf tad-dritt tax-xerrej li jeżerċita r-rimedju tar-rexissjoni tal-kuntratt[12]. Hija ż-żamma tal-oġġett mingħajr reklam ta' nuqqasijiet jew mingħajr impenn serju dirett lejn soluzzjoni li tista' twassal għat-telfien tal-azzjoni. Irid jirrizulta għalhekk li x-xerrej ikun tilef dan id-dritt bil-fatt tiegħu stess. Dan jiddependi miċ-ċirkostanzi tal-każ u mhux biss mill-fatt li x-xerrej ikun żamm għandu l-oġġett in vendita. Per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Paul Calleja v. Richard Calleja et.** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili per Onor. Imħallef Geoffrey Valenzia, 27.02.1995) il-Qorti qalet hekk:

*"(Il-Qorti) tara illi filwaqt illi huwa veru illi l-liġi ma tridx illi min jirreklama li għandu xi difett f'oġġett mixtri jibqa' jibbenefika minnu sal-eżitu finali tal-kawża, jidher però illi hawnhekk m'hu qed isir assolutament l-ebda benefiċċju għall-attur minn dina l-vettura. Jista' forsi jiġi argumentat illi kieku din il-vettura tiġi ddepożitata ssirilha inqas ħsara mill-elementi, iżda jekk id-depozitu jsir, jispiċċa biex iħalli l-karozza fl-istess stat espost għall-elementi bħal ma qegħda llum, tenut kont ukoll tal-valur ta' din il-vettura, il-posizzjoni ma tantx tagħmel differenza"*

36. Mill-atti jirriżulta illi r-rikorrent qajla uża l-vettura u filfatt huwa kellu jżommha fil-*garage* tiegħu meta skopra bid-dejn li kellha fuqha. Iktar tard ukoll din il-vettura spiċċat bla pjanċi tar-reġistrazzjoni minħabba r-raġunijiet imsemmija fix-xhieda tal-istess rikorrent. Fiċ-ċirkustanzi għalhekk il-Qorti ma' tarax illi n-nuqqas tar-rikorrenti milli jiddepożita l-vettura taħt l-awtorità tal-Qorti għandu jċaħħdu mir-rimedji disponibbli lilu.

---

[12] **Camilleri v. Migneco** (Qorti tal-Kummerc, 09.10.1995), **Debono v. Burmarrad Commercials Ltd** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 28.01.2010), **Medcomms Limited vs Peter Muscat Scerri** (Qorti tal-Appell Superjuri, 31.01.2014)

*Id-danni mitluba*

37. Ir-rikorrenti qed jitlob ir-risarċiment tad-danni allegatament subiti minnu u ċioe:

- is-somma ta' € 1,198 rappreżentanti spejjeż li laħaq wettaq fuq il-vettura inutilment
- is-somma ta' € 100 għal kull sena li l-vettura kellha tinżamm fil-*garage* tar-rikorrenti mingħajr ma' setgħet tintuża kif suppost

38. Min-naħa l-oħra l-intimat saħaq fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu illi r-rikorrent *"żbalja li għamel it-tiswijiet jew ameljoramenti fuq il-vettura meta din kienet ex-admissis mhux tajba biex tintuża fit-triq u għalhekk l-esponent noe m'għandux jeħel ta' dawn l-ispejjeż"*. Saħaq ukoll illi ma' nġabux provi dwar id-danni reklamati u li *"l-ammont reklamat bħala kumpens ta' mitt euro għal kull jum huwa wieħed ferm eċċessiv u ma' ġiex ġustifikat kif wasal l-attur għal dan l-ammont".*

39. Fir-rigward ta' danni l-Qorti tibda biex tgħid illi fil-każ illi dawn jirriżultaw ippruvati r-rikorrenti jkollu kull dritt għar-risarċiment tagħhom fil-konfront tal-intimat bis-saħħa ta' dak li jipprovdi l-Art. 1069(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

40. Madanakollu l-Qorti tara li l-provi li ġew imressqa quddiema mir-rikorrent sabiex isostnu t-talba tiegħu għad-danni huma fqar ħafna jew mhux prattikament ineżistenti. Fid-dokumentazzjoni li ppreżenta, l-unika spejjeż li jirriżultaw huma dawk ta' €98 bħala xiri ta' batterija fit-2 ta' Frar 2013 u dan skond kopja ta' riċevuta u *tax invoice* maħruġa fit-2 ta' Frar 2013 minn J. Vassallo Ltd (Dok Ċ[13]). Kemm ir-riċevuta u kemm it-*tax invoice* ma' jagħtu l-ebda indikazzjoni li nħarġu lir-rikorrent jew għallinqas għall-vettura in kwistjoni.

41. Lanqas ma' nġiebu provi in sostenn tal-bqija tas-somma reklamata bħala danni (€ 1,000) u filfatt l-unika darba li ssemmew mir-rikorrent kien fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu fejn spjega illi huwa kien nefaq l-ammont ta' €800 fuq *spray painting* u l-ammont ta' €300 sabiex ibiddel il-*fan belt*. Inoltre ma' tressqu l-ebda provi dwar l-ammont ta' kumpens mitlub mill-intimat għaż-żamma tal-vettura fil-*garage* tiegħu. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa ovvju li l-Qorti ma' tistax tilqa' t-talba tar-rikorrent għall-ħlas tad-danni peress illi dawn ma' rriżultawx.

---

[13] Fol 5-6

**Deċiżjoni**

42. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa'** ***in parte*** **t-talbiet tar-rikorrenti u ċioe:**

1. **Tiddikjara li bl-aġir tal-intimat avverat ruħha l-kundizzjoni riżoluttiva espressa fil-ftehim bejn il-kontendenti datat 2 ta' Diċembru 2010 biex b'hekk dan inħall** ***ipso jure*** **ai termini tal-Art. 1067 tal-Kodiċi Ċivili,**

2. **Tikkundanna lill-intimat jirrifondi lura lir-rikorrent il-prezz mħallas lilu ta' € 5,000 bl-imgħax legali dekoribbli mill-21 ta' Jannar 2015 (data ta' meta l-intimat ġie interpellat bl-ittra uffiċjali numru 45/2015) sal-ħlas effettiv,**

3. **Tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju ta' tletin (30) ġurnata mill-ħlas jieħu lura l-pussess tal-vettura mill-*garage* tar-rikorrent u fin-nuqqas tagħti l-fakolta' lir-rikorrenti sabiex fid-diskrezzjoni tiegħu jiddepożita l-vettura ma' kunsinnatarju maħtur minnu taħt il-kura u kustodja tal-istess, bl-ispejjeż kontra l-intimat,**

4. **Tiċħad it-talba għad-danni.**

**Bl-ispejjeż kollha tal-kawża inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 45/2015 ikunu a karigu tal-intimat.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur